MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1642/2004

**Avviz Numru 1642/04 AJD**

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha u l-istess assigurat taghha Raymond Farrugia u b'Digriet tat-28 ta' Frar 2005 gew kancellati il-kliem 'Raymond Farrugia' u sostwiti bil-kliem 'John's Garage Limited'**

**vs**

**Nicholas Cachia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 t'Awissu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lill-atturi is-somma ta' mitejn u erbatax –il Lira Maltin u

disgha u sittin centezmu (Lm214.69) rapprezentanti danni kagonati f'incident awtomobilistiku li sehh f'Birkirkara fil-21 ta' Novembru 2003 li fih kienu involuti l-vettura CAK 546 proprieta` tal-attur Raymond Farrugia u l-vettura KBA 956 misjuqa mill-konvenut u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interprellatorja u ta' dik mibghuta kontestwalment mal-avviz a tenur tal-Kap. 104, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa is-segwenti:

Illi t-talbiet tal-atturi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien Roberto Pirrone id-driver tal-assigurat tal-kumpanija attrici li bil-vettura tieghu numru CAK 546 minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tieghu, hareg minn triq sekondarja u baqa' diehel fil-genb tal-karozza KBA 956 misjuqa mill-konvenut f'din il-kawza.

Li ghandu jizdied li l-assikuarazzjoni tal-konvenut diga fethet kawza kontra Roberto Pirrone, fl-ismijiet Elmo Insurance Ltd. Vs. Roberto Pirrone, li tinsab differita ghat-8 t'Ottubru 2004 quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar presjeduta minn Dr. Edwina Grima.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tal-atturi rigward l-ammont huwa eccessiv u ghaldaqstant kontestat.

Ghalhekk il-konvenut jirrespingi it-talbiet attrici.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Edmond Zammit Laferla, Gaetano Farrugia, PS 1122 Arthur Rizzo, ta' Nicholas Cachia, Spira Cachia u Melvin Cachia u ta' Roberto Pirrone.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Frar 2005 fejn il-partijiet qablu li din il-kawza ghandha tinstema` kontestwalment mal-kawza bl-Avviz Numru 1370/04 u li l-provi ghandhom jghoddu u japplikaw ghaz-zewg kawzi u dan peress illi l-kawzi jirrigwardjaw l-istess incident awtomobilistiku.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta’ Novembru 2003 fi Triq Papa Urbanus VIII ma’ Triq it-Tabib Zammit, Birkirkara, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK 546 misjuqa minn Roberto Pirrone u assikurata taht polza tat-tip comprehensive mas-socjeta’ attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBA 956 misjuqa mill-konvenut Nicholas Cachia.

A skans ta’ ripetizzjoni it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija illum stess fil-kawza fl-ismijiet “Elmo Insurance Ltd et Vs. Roberto Pirrone” fejn gie deciz li Roberto Pirrone u Nicholas Cachia kienu ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li jifforma l-meritu tal-kawza. Ghandu jitqies li il-konsiderazzjonijiet moghtija fl-imsemmija sentenza jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

L-atturi ressqu provi sodisfacenti in kwantu jirrigwarda il-quantum tad-danni minnhom reklamat, liema danni jidher li huwa perfettament kompatibbli mad-dinamika ta’ l-incident u bl-ebda mod ma rrizulta li l-atturi naqsu mill-obbligu taghhom taghhom ta’ danneggjati, u cioe` dak li jimminizzaw id-danni.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ it-talbiet attrici limitatament fis-somma ta’ mija u seba’ Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmi (Lm107.45) bl-imghax pagabbli mil-lum.

L-ispejjez ta' din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-Avviz ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------